REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/282

tas-26 ta' Frar 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja u filwaqt li jitqiesu l-bidliet ministerjali reċenti, jenħtieġ li jinżiedu żewġ persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-informazzjoni marbuta ma' ħames persuni li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 tiġi aġġornata.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

[1] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

I. Fil-lista li tinsab fit-taqsima A (“Persuni”) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta’ elenkar
“258	Mohamed Mazen Ali Yousef (محمد مازن علي يوسف)	Data tat-twelid: 17 ta’ Mejju 1969 Post tat-twelid: il-kampanja ta’ Damasku	Ministru għall-Industrija. Maħtur f’Jannar 2018.	26.2.2018
259	Imad Abdullah Sara (عماد عبدالله سارة)	Data tat-twelid: 1968 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja	Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f’Jannar 2018.	26.2.2018”

II. Fil-lista li tinsab fil-Parti A (“Persuni”) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta’ elenkar
“56	Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Ayyub (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Data tat-twelid: 1952 Post tat-twelid: Lattakia, is-Sirja	Ministru għad-Difiża. Maħtur f’Jannar 2018. Uffiċjal fil-grad ta’ Ġeneral fl-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim ta’ Assad u responsabbli għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
57	Fahd (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahid, Fahed) Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) al-Furayj (الفريج) (magħruf ukoll bħala Al-Freij)	Data tat-twelid: 1 ta’ Jannar 1950 Post tat-twelid: Hama, is-Sirja	Eks Ministru tad-Difiża. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2011
212	Ammar Al-Sharif (magħruf ukoll bħala Amar Al-Sharif; Amar Al-Charif; Ammar Sharif; Ammar Charif; Ammar al Shareef; Ammar Sherif; Ammar Medhat Sherif) (عمار الشريف)	Data tat-twelid: 26 ta’ Ġunju 1969 Post tat-twelid: Lattakia Nazzjonalità: Sirjana Passaport Sirjan: numru: 010312413; numru tal-ħruġ: 002-15-L093534; data tal-ħruġ: 14 ta’ Lulju 2015 post tal-ħruġ: Ċentru ta’ Damasku; data tal-iskadenza: 13 ta’ Lulju 2021 Numru nazzjonali: 060-10276707	Negozjant Sirjan ewlieni li jaħdem fis-Sirja, attiv fis-settur bankarju, dak tal-assigurazzjoni u dak tal-ospitalità. Sieħeb fundatur ta’ Byblos Bank Syria, azzjonist ewlieni f’Unlimited Hospitality Ltd, u membru tal-bord ta’ Solidarity Alliance Insurance Company u Al-Aqueelah Takaful Insurance Company.	28.10.2016
221	Mohammed (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammad) Ramez Tourjman (magħruf ukoll bħala Tourjuman) (محمد رامز ترجمان)	Data tat-twelid: 1966; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja	Eks Ministru għall-Informazzjoni. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta' elenkar
227	Ahmad al-Hamu (magħruf ukoll bħala al-Hamo) (أحمد الحمـو)	Data tat-twelid: 1947	Eks Ministru għall-Industrija. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016"